MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 437/1992/1

**Profs Ian Refalo ghan-nom tas-Sea Malta Company Limited u llum rapprezentata mill-istralcjari Dr Andrew Chetcuti Ganado u Joseph Abela**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Bianco u Gowdin Ciantar**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-hlas ta’ danni minghand il-konvenuti minhabba li taw containers tal-attrici lil terzi u zammew l-introjtu ghalihom. Jirrizulta li l-konvenut Bianco kien impjegat tal-attrici filwaqt li Ciantar kien burdnar li kien jiehu hsieb il-garr u hazna ta’ containers tal-attrici.
Illum il-kumpannija attrici qeghda fi stralc u jidhru ghaliha l-avukati Dr Andrew Chetcuti Ganado u John Abela. Ghalhekk il-qorti tordna korrezzjoni fl-okkju fis-sens li wara l-kliem tal-kumpannija ghandu jizdied l-isem tal-istralcjarji.

Il-konvenuti kienu kkontestaw it-talbiet tal-attrici u ddikjaraw li ma kienx minnu li kienu wettqu xi qerq, frodi jew misapproprijazzjoni ghad-dannu tal-attrici.
Wara li l-kawza ilha pendenti s-snin hu evidenti li ntlehaq ftehim bejn il-partijiet fis-sens li kull wiehed mill-konvenuti jhallas is-somma ta' **hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) permezz ta' pagamenti** ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-attrici (ara verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2011 u ittra datata 7/10/2005 mibghuta ghan-nom ta' Ciantar u twegiba tal-20 ta' April 2006). Sahansitra fl-atti hemm dikjarazzjoni li kienu bdew isiru pagamenti minn Ciantar, liema dikjarazzjoni ma gietx michuda u li jwassal lill-qorti biex tifhem li Ciantar kien accetta li jhallas is-somma fuq imsemmija bil-modalita li tissemma fl-ittra tal-20 ta' April 2006 mibghuta mid-difensur tal-attrici.
Fir-rigward tal-konvenut Ciantar giet prezentata nota dalghodu stess fejn gie ddikjarat li ghamel is-segwenti pagamenti : 29 ta' Novembru Lm500, 24 ta' Jannar 2007 Lm100, 18 ta' April 2007 Lm400, 25 ta' Mejju 2007 Lm100, u 8 ta' Awissu 2009 €232.94, ghal total ta' elfejn sebgha mija u hamsa u disghajn ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,795.25). Ghalhekk fadal bilanc ta' **tmint elef tmien mija u wiehed u hamsin ewro u tnejn u sittin centezmu (€8,851.62)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi a bazi tal-ftehim li ntlehaq bejn il-partijiet :-**
**1. Tikkundanna lill-konvenut Carmelo sive Charles Bianco jhallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) pagabbli:-**

**(a) In kwantu ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) issa. Kif verbalizzat waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2012, Bianco ta lid-difensur tal-attrici zewg cekkijiet li jkopru dan l-ammont, l-ewwel wiehed jissarraf fil-11 ta' Frar 2012 u t-tieni cekk jissarraf fis-26 ta' Marzu 2012.**

**(b) Il-bilanc jithallas permezz ta' pagamenti ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghajn centezmu (€232.94) kull xahar, li jsiru kull tletin (30) gurnata li jibdew jiddekorru mil-lum. L-ewwel pagament isir fis-16 ta' Marzu 2012.**
**Fuq l-ammont ma jithallasx imghax b'dan li jekk ifalli pagament wiehed jibda jiddekorri l-imghax fuq kwalsiasi bilanc li jkun ghadu dovut.**
**2. Tikkundanna lill-konvenut Godwin Ciantar jhallas lill-attrici s-somma ta' tmint elef tmien mija u wiehed u hamsin ewro u tnejn u sittin centezmu (€8,851.62), li jithallas permezz ta' pagamenti ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghajn centezmu (€232.94) kull xahar, li jsiru kull tletin (30) gurnata li jibdew jiddekorru mil-lum. L-ewwel pagament isir fis-16 ta' Marzu 2012.**
**Fuq l-ammont ma jithallasx imghax b'dan li jekk ifalli pagament wiehed jibda jiddekorri l-imghax fuq kwalsiasi bilanc li jkun ghadu dovut.**
**Spejjez tal-attrici jithallsu nofs bin-nofs bejn il-konvenuti. Il-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------